**12 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

L-Ispiżjar Anthony Darmenia, ne. et ne.

*versus*

Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier, ne. et ne.

**Ġurisdizzjoni — Ordni Pubbliku — "Malta Government Joint Council" — "Arbitration Tribunal" — Diskrezzjoni Ministerjali — Kabinett — "Civil Servants" — Att "Jure Imperii" — "Public Policy".**

*Meta l-Qorti tiġi konfrontata b'eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni fi kwalunkwe kawża, għandha qabel xejn tfittex u tara li ma teżonerax ruħha jekk raġunijiet ta' ordni pubbliku jew statutari, ma jippreklu dihiex li tieħu konjizzjoni, bħala tribunal ordinarju, tal-kontroversja li tiġi istitwita quddiemha.*

*L-istituzzjoni tal-proċedura quddiem l-"Arbitration Tribunal" hija diskrezzjonali għall-Ministru skond il-każ li jippreżenta quddiemu.*

*Huwa l-kabinet li jfassal il-policy tal-Gvern.*

*Ir-rapport bejn l-Istat u l-impjegat huma unilaterali u mhux kontrattwali u minnhom ma titnissilx bejniethom reċiproċità ta' drittijiet u doveri.*

*Ir-relazzjonijiet bejn l-impjegat u l-Kuruna huwa purament volontarji u l-impjegat m'għandux dritt jaġixxi lanqas jekk ikun intervjena kuntratt speċifiku.*

*In-nomina ta' funzjonarju pubbliku hija att majestatiku u eżer-*

*ċitat mill-Kuruna "Jure Imperii" u kwindi hija ta' anologa natura r-rimunerazzjoni tal-impjegat li tiddependi fuq dik in-nomina.*

*Dikjarazzjoni ta' Policy tal-Gvern mhijiex sindikabbli mit-Tribunali jekk ma jiġix pruvat li saret mingħajr awtorità jew il-forma preskritta.*

*L-istat tad-duttrina ġuridika u tal-ġurisprudenza dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Kuruna u l-impjegat Ċivili huwa nkostanti u konfus fis-sens li hemm diversi pronunzjamenti ta' awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi li qegħdin jinvokaw ir-rimedju biex l-impjegat pubbliku jkun jista' jitlob quddiem il-Qrati d-drittijiet tiegħu b'mod speċjali rigward salarji lilu spettanti u liċenzjament inġust.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premessi illi l-Official Side u l-Istaff Side tal-Malta Government Joint Council ftehmu fl-10 ta' Awissu, 1959, illi jagħmlu l-isforzi kollha biex il-kwistjonijiet dwar "new pay and grading structure" fil-Malta Civil Service jiġu negozjati fil-Malta Government Joint Council u b'hekk jiġi evitat rikors għall-Arbitraġġ u illi jagħmlu minn kollox biex id-diskussjonijiet eżawrienti dwar id-diverġenzi bejn il-partijiet fl-istess Council ma jkunux protratti iżżejjed u jkunu finalizzati fi żmien raġjonevoli, u illi jekk wara diskussjonijiet eżawrienti fl-istess Council jibqgħu bejn il-partijiet kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu aktar maħlula permezz ta' negozjati, dawn il-kwistjonijiet jiġu riferiti għall-Arbitration Tribunal speċjali mwaqqaf ad hoc u soġġett għall-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet definiti fil-ftehim bejn il-partijiet tal-10 ta' Awissu, 1959 (Dok: A); premess illi minkejja l-isforzi kollha magħmula mill-partijiet u wara diskussjonijiet eżawrienti protratti għal aktar minn tlitt snin fil-Malta Government Joint Council, hemm bejn il-partijiet diverġenzi dwar il-"pay and grading structure" fil-Malta

Civil Service li bl-ebda mod ma jistgħu jiġu riżoluti permezz ta' negozjati ulterjuri; premess illi minkejja l-insistenzi kontinwi tal-Istaff Side biex il-ftehim bejn il-partijiet tal-10 ta' Awissu, 1959, jiġi osservat u l-kwistjonijiet bejn il-partijiet jiġu riferiti għall-Arbitration Tribunal speċjali kif kontemplati fl-istess ftehim, l-Official Side u l-Gvern ma humiex fi ħsiebhom jimplimentaw dan il-ftehim issa għar-raġunijiet invokati unilateralment u estraneji għall-istess ftehim; talbu illi din il-Qorti tiddikjara illi l-kwistjonijiet bejn l-Official Side u l-Istaff Side tal-Malta Government Joint Council dwar il-"new pay and grading structure" fil-Malta Civil Service għandhom jiġu riferiti għall-Arbitration Tribunal speċjali skond il-ftehim tal-10 ta' Awissu, 1959, u għal dak li jirrigwarda t-"terms of reference" lill-arbitraġġ, skond l-art, 7 ta' l-istess ftehim, bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Frar, 1963, u tas-6 ta' April, 1963, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi nomine u n-nota taxxhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu li dak li jsir fil-Malta Government Joint Council għalkemm jaqdi funzjonijiet importanti u applikabbli ġeneralment, ma jikkrejax drittijiet legalment esegwibbli kemm favur jew kontra l-Kuruna, kemm favur jew kontra xi persuna fis-servizz pubbliku u għalhekk m'hemmx lok għad-domanda atriċi. Li kif ingħad uffiċjalment lill-kontraparti fl-istatement uffiċjali tat-23 ta' Novembru, 1962, u sussegwentement ukoll fl-14 ta' Ottubru, 1963, il-Gvern kien (u għadu) tal-fehma illi sakemm jibqgħu fil-pajjiż iċ-ċirkostanzi ekonomiċi u finanzjarji attwali, rikors għall-arbitraġġ għandu jiġi evitat assolutament. Il-Gvern għandu dritt "on grounds of policy" jirrifjuta l-arbitraġġ, għax il-Gvern huwa finalment responsabbli lejn l-Asemblea Leġislattiva għall-ammi-

nistrazzjoni tas-servizz pubbliku, u ma jistax jinħall minn dina r-responsabbilità, jew jikkondividiha ma xi persuna jew persuni jew organizzazzjonijiet oħra.

Li l-makkinarju tal-Joint Council jopera u għandu mportanza kbira fil-kors normali tar-rapporti bejn il-partijiet, salv u mpreġudikat l-interess nazzjonali, li jista' jesiġi diversament.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine, u n-nota taxxhieda tagħhom; kif ukoll id-dokumenti esibiti;

OMISSIS;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti nomine, u d-dokumenti annessi — fejn tra altro ġie sottomess li dina l-Qorti mhijiex kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża minħabba difett ta' ġurisdizzjoni, u ċjoè: (a) billi llum hemm dikjarazzjoni ta' policy tal-Gvern fis-sens illi sakemm jibqgħu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u finanzjarji preżenti, rikors għall-arbitraġġ għandu jiġi evitat assolutament; (b) billi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza li għaliha saret riferenza r-rapport bejn l-Istat u l-impjegat hu unilaterali u l-impjegati jew ir-rappreżentati tagħhom fil-Joint Council m'għandhomx dritt jaġixxu kontra l-Kuruna lanqas jekk ikun intervjena kuntratt speċifiku;

Li, hemm karenza ta' nteress fl-atturi għaliex dak li jsir fil-Joint Council ma joħloqx drittijiet legalment esegwibbli;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li, il-Qorti, meta tinsab konfrontata b'eċċezzjoni ta' di-

fett ta' ġurisdizzjoni, f'kwalunkwe kawża li tkun, għandha qabel xejn tfittex u tara li ma teżawtorax ruħha, jekk raġunijiet ta' ordni pubbliku jew statutarji, ma jipprekluduhiex li tieħu konjizzjoni, bħala tribunal ordinarju, tal-kontroversja li tiġi istitwita quddiemha.

Li, inoltri, huwa tajjeb li jiġi mill-ewwel affermat li l-kwistjoni in desamina rigwardanti d-drittijiet ta' klassi ta' impjegati statali fis-servizz ċivili, m'għandhiex rilevanza prettament privata, iżda tassurġi għal grad ta' importanza pubblika u nazzjonali, billi jinsabu konnessi magħha l-prerogativi ta' l-amministrazzjoni governativa, ta' l-insindakabilità tal-Kuruna, u tas-Supremazija tal-Kamra Leġislativa.

Ikkunsidrat:

Li biex tiġi riżoluta l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti nomine, huwa meħtieġ li jiġu esposti dawna l-fatti:

a) Li sar akkordju bejn l-Official Side u l-Istaff Side tal-Malta Government Joint Council li jagħmlu l-isforzi kollha biex il-kwistjonijiet dwar "new pay and grading structure" fil-Malta Cicil Service jiġu negozjati fil-Malta Government Joint Council, u b'hekk jiġi evitat rikors għall-Arbitraġġ.

b) Li jekk wara diskussjonijiet esawrienti fl-istess Council jibqgħu bejn il-partijiet kwistjonijiet li ma jistax jiġu aktar maħlula permezz ta' negozjati, dawna l-kwistjonijiet jiġu riferiti għall-Arbitration Tribunal speċjali mwaqqaf "ad hoc" u soġġett għall-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet definiti fil-ftehim bejn il-partijiet tal-10 ta' Awissu, 1959 (Dok: A, fol: 4).

c) Li l-atturi bħala konsegwenza ta' dana l-ftehim

qegħdin jitolbu biex dina l-Qorti tiddikjara illi l-kwistjonijiet bejn l-Official Side u l-Istaff Side tal-Malta Government Joint Council ġa fuq imsemmija għandhom jiġu riferiti għall-Arbitration Tribunal speċjali skond l-imsemmi ftehim.

d) Li l-Gvern b'ittra tat-23 ta' Novembru 1962 iddikjara testwalment (Dok: I fol: 10): "It is the considered view of the Government that so long as the present financial and economic circumstances persist, recourse to arbitration should be absolutely avoided". L-istess konċett huwa ribadit fid-dikjarazzjonijiet governattivi tas-6 ta' Settembru, 1963 u 14 ta' Ottubru, 1963 (Dok: 2, 4, fols: 11, 12).

**Ikkunsidrat:**

Li l-atturi bħala komponenti uffiċjali ta' l-Istaff Side tal-Malta Government Joint Council huma regolarment rikonoxxuti mill-Gvern, u b'ċerti modifikazzjonijiet jirrappreżentaw dik l-organizzazzjoni jew korp fis-Servizz Ċivili kostitwit fuq il-linji tas-Civil Service National Whitley Council tal-Ingilterra, li kien ġie mwaqqaf fil-1919, u kellu bħala skop li jikkomprendi "all matters which affect the conditions of service of the staffs...... which must be all civil servants who are non industrial". (The Staff Relations in the Civil Service, H.M. Treasury, H.M. Stationery Officer, 1958, para. 35, p. 9); u kellu bħala limiti, "that the official side has no authority except that of the Government, and the Government cannot be compelled to exercise his authority by way of Whitley procedure" (ibid. para. 47 p. 12), u dana għaliex "the Government has not surrendered, and cannot surrender its liberty of action in the exercise of its authority and the discharge of its responsibilities in the public interest". (ibid. para. 46 p. 12).

Li dawna l-konċetti li jirregolaw il-Whitley Councils

Ingliżi huma animati mill-prinċipju li: "behind the Official Side of the National Council lies Cabinet authority on all major matters; prior Cabinet authority for the opening of Whitley discussions and further Cabinet authority for the concluding of agreements".

Liema prinċipju jidderiva mill-konsegwenzi tas-suċċessi konsiderevoli tal-Kuruna "in its recent struggles with Parliament", u waslet biex tinvadi "the sphere of the Judiciary and has attacked what was once considered one of the primary principles of our Constitution, namely, that all persons were entitled to have their disputes determined before the Judges not under the control of the Crown. So it happens that questions of great importance to the subject, and even cases between the subject and the Crown, are removed from the ordinary Courts and are decided by Civil Servants in a government department" (The New Popular Educator — J.A. Hammerton — Vol. II, p. 1241, "The Crown in the Twentieth Century").

Li, rriżulta li bejn l-atturi bħala komponenti ta' l-Istaff Side, u l-konvenut On. Edgar Cuschieri, bħala Chairman tal-Official Side tal-Malta Government Joint Council, sar l-akkordju ġa fuq riferit, u li l-Gvern suċċessivament oppona ruħu għall-esekuzzjoni ta' dak il-ftehim "as it runs counter to Government's declared policy that, so long as the present financial and economic situation persists, Arbitration of any sort should be avoided" (Dok: 4, fol: 13).

Li mhuwiex barra minn loku li hawn jiġi riportat bran ta' l-ittra li l-Prim Ministru Ingliż ta' ailura kien bagħat fissena 1927 lill-Istaff Side tas-Civil Service Ingliż fejn sostna li l-Gvern ma jistax taħt ebda ċirkostanza, jaċċetta l-prinċipju li jastjeni ruħu li jaġixxi esekutivament "pending reference to the Arbitration Court and the Judgement of the

Court as to the action to be taken;" għaliex "in these as in other matters the Government must act as it deems right in the public interest, and it could not consent to limit its discretion so to act by any such rule of procedure as the Staff Side of the National Whitley Council would desire to see adopted" (ibid. para. 97 p. 23, The Institution of professional Civil Servants 1958 para. 96 p. 22).

Ikkunsidrat:

Li stabiliti dawna l-prinċipji f'materja ta' dritt kostituzzjonali ngliż dwar ir-regolament u l-influwenza tal-Government Joint Council fuq id-deċiżjonijiet tal-Ministri u tal-Gvern, għandu jiġi eżaminat sa fejn tista' tasal il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti meta tinsab adita biex tiddeċiedi pretenzjoni bħal dik ta' l-atturi li jkunu minnha awtorizzati jirriferixxu lill-Arbitration Tribunal speċjali dawk il-kwistjonijiet li baqgħu insoluti dwar "new pay and grading structure", bejnhom u l-Official Side tal-Malta Government Joint Council.

Ikkunsidrat:

Li l-kwistjoni tal-paga u tal-grading structure tal-impjegati tas-servizz ċivili hija ta' natura eminentement pubblika, u hija konnessa ma' u dipendenti mill-policy tal-Gvern li jkun irid jadottaha o meno; u trattandosi ta' materja fejn hemm involuti nteressi mhux biss ta' promozzjoni iżda ta' finanzi flimkien mal-Ministru jew il-Kabinett huwa nteressat ukoll il-Parlament, bħala l-korp suprem li huwa rivestit bil-poteri deċisivi dwar l-ispiża tal-fondi pubbliċi. Kien għalhekk li l-Gvern ħass li m'għandhiex tiġi milqugħa t-talba ta' l-atturi in bażi għall-prinċipji ta' dritt kostituzzjonali ngliż applikati għall-proċeduri tal-Joint Councils, li jirritjenu: "The Government must also reserve to itself the right

to refuse arbitration on grounds of policy, because the Government is responsible to Parliament for the administration of the public service and cannot relieve itself of that responsibility or share it with any other persons or organisation" (op. cit. page 22, no. 95; I.P.G.S. Handbook page 22, para. 94).

Ikkunsidrat:

Li, l-Arbitration Tribunal kien ġie kostitwit f'Malta bl-Att XXXVIII tas-sena 1948, u preċiżament fl-art. 11(1) u (2) ġie provdut li: "meta jittieħdu xi passi biex isir xi ftehim ta' kwistjoni ta' xogħol mill-Ministru taħt id-dispożizzjonijiet tat-taqsima II ta' dan l-att u dawna l-passi ma jkunux safgħu fi ftehim tal-kwistjoni, sew il-parti waħda kemm il-parti l-oħra jkunu jistgħu jgħarrfu lill-Ministru b'dina l-ħaġa. "Meta jirċievi talba miż-żewġ partijiet kif imsemmi fl-art. 5(d) jew avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u meta jkun sodisfatt illi t-talba, jew, skond il-każ, l-avviż, jirċevieh minn għand persuna li tħaddem u/jew minn trade union regolarment magħrufa li tirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema nteressati fil-kwistjoni, il-Ministru jġib il-kwistjoni quddiem it-Tribunal, biex jiddeċidiha hu, u dan għandu jagħmlu fiż-żmien wieħed u għoxrin ġurnata mid-data ta' dik it-talba jew avviż, ħlief jekk fil-fehma tiegħu, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, ma jkunx meħtieġ jew xieraq li l-kwistjoni tinġieb quddiem it-Tribunal iktar tard".

Li tant mill-ittra kemm ukoll mill-ispirtu ta' dan l-artikolu jidher li l-kwistjoni għandha titressaq qudiem l-Arbitration Tribunal a diskrezzjoni tal-Ministru, tant huwa hekk li meta jivverifikaw ruħhom iċ-ċirkostanzi previsti mill-artikolu 5 ta' l-istess Att, il-Ministru jekk jidhirlu xieraq jista' jeżerċita is-setgħat kollha jew kull waħda jew oħra minn-

hom, u speċifikatament il-Ministru jista' jġib il-kwistjoni quddiem it-Tribunal meta jkun hemm talba taż-żewġ partijiet. (art. 5(d) ta' l-Att fuq ċitat).

Li, rriżulta li l-ftehim biex il-kwistjoni titressaq quddiem l-Arbitration Tribunal intlaħaq bejn iż-żewġ partijiet interessati, skond l-iskrittura tal-10 ta' Awissu, 1959; ma rriżultax però, almenu mill-proċess, li saret talba apposita lill-Ministru miż-żewġ partijiet biex dana jġib il-kwistjoni quddiem it-Tribunal, u għalhekk, anki taħt dana l-aspett, a parti l-osservazzjonijiet li sejrin jiġu magħmula aktar 'il quddiem, ma jistax jingħad li l-Qorti tista' tissupplixxa għal dina l-fakultà piena u diskrezzjoni, investita b'liġi espressa fil-persuna tal-Ministru.

Li, l-aħjar prova li l-istituzzjoni tal-proċedura quddiem l-Arbitration Tribunal hija diskrezzjonali għall-Ministru skond il-każ li jippreżenta ruħu quddiemu, hija li kull darba li dina kienet meħtieġa ma ġietx mitħuda mill-Ministru inkarikat, meta ħass li dina kellha ssir (v. Deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' l-Arbitraġġ Għal Malta, Deċ. 1949 — Deċ. 1963); iżda kien hemm każi l-Ingilterra fejn il-Gvern irrifjuta li jippermetti "an arbitrable claim to go to arbitration on the grounds of major policy" (v. Public Administration, Vol. XXXVIII, 1960, Autumn Issue, page 202).

Li, però, taħt iċ-ċirkostanzi pekuljari tal-pajjiż, il-Gvern ħass li t-talba ta' l-atturi nomine kienet preġudizzjevoli għall-interess tal-kommunità, "so long as the present financial and economic circumstances persist". Dikjarazzjoni simili għandha bħala fondament linja ta' kondotta li fuqha l-Gvern ikun fassal il-policy ta' l-amministrazzjoni, u ma tistax tiġi diskuss u anki, indirettament ċensurata mit-Tribunal, billi jawtorizza lill-atturi jirriferixxu l-kontroversja tagħhom mill-Joint Council tal-Gvern, għal quddiem Tribunal. Dana anqas

jista' jsir, għaliex il-meritu ta' kif sejra tinfluwixxi l-pretensjoni ta' l-atturi fuq il-policy tal-Gvern, mhuwiex oġġett ta' dina l-kawża, u għalhekk ikun antiġuridiku li l-Qorti tiġi mitluba li tiddeċiedi l-espedjenza ta' proċedura quddiem Tribunal Speċjali, meta m'għandhiex u anqas jista' jkollha quddiemha l-elementi li minnhom tista' tirrikava l-ġustifikazzjoni ta' dana l-atteġġjament u ta' dina l-kondotta tagħha.

Li, inoltri, in definitiva huwa l-Kabinett li jfassal il-policy tal-Gvern u jiddeċiedi "what shall be done in important matters" (Anson: "Law and Custom of the Constitution, The Crown, Vol. II, p. 1, p. 156); tant huwa hekk li: 'if on consideration any agreed plan is discovered to have unexpected implications, it could be overridden on the grounds of Cabinet responsibility" (Herman Finer: "The Theory and Practice of Modern Government", — Representative Councils, page 909).

Ikkunsidrat:

Li t-talba odjerna qegħda ssir minn organizzazzjoni komposta interament minn impjegati tal-Gvern Ċivili u fl-interess ta' l-istess impjegati ċivili għal revisjoni ta' salarji u anomaliji oħra fl-impieg minnhom lamentati.

Li r-regolamenti relativi għan-nomini fis-servizz pubbliku "do not constitute a contract between the Crown and its servants;" u l-istess nomini "are made by authority of Her Majesty, and such offices are held during Her Majesty's pleasure" (Colonial Regulations, Public Officers, Part I, page 5, para. 16 u 17). Dawna r-Regolamenti ġew inkorporati fil-Kostituzzjoni ta' Malta, 1961 (art. 84(1)); u l-istess poter ġie nvestit fil-Prim Ministru bl-art. 113(1) tal-Malta Independence Constitution, 1964. Minn dawna l-konċetti pestulati [illegible] fis-servizz ċivili ġie argumentat

u ritenut kemm fid-dottrina u ġurisprudenza ingliżi, kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna, li r-rapporti bejn l-Istat u l-impjegat huma unilaterali u mhux kontrattwali, u minnhom ma titnissilx bejniethom reċiproċità ta' drittijiet u doveri (Kollez. XXI, I, 433; XXVI, I, 402). Tant huwa hekk li fil-kawża "Rodwell vs. Thomas" (King's Bench Div. 1944, Law Reports, p. 600), ġie deċiż: "In any case, however, the plaintiff has not proved that the provisions as to procedure by the Joint Committee formed part of his contract of employment. Such a term in the contract would be contrary to public policy as an interference and clog on the prerogative right of the Crown to dismiss an established Civil Servant at any time".

Li, dana l-prinċipju jġib miegħu konsiderazzjoni oħra li r-relazzjonijiet bejn il-Kuruna u l-impjegat huma purament volontarji u l-impjegat m'għandux dritt jaġixxi kontra l-Kuruna, lanqas jekk ikun intervjena kuntratt speċifiku: "A petition of right cannot be brought by them to recover pay, pension or other sums to which they claim to be entitled for their services" (Halsbury, Laws of England, Vol. IX, "Crown Practice", para. 1179, page 692, Hailsham Edit. Empire Digest, Vol. 16, No. 357, page 240; Ridges' Constitutional Law, 8th Edit. page 198, 201). Dana l-prinċipju huwa bażat fuq il-konsiderazzjoni ta' l-istess Ridges li: "The Crown cannot fetter its executive action by contract so as to deprive itself of its inherent discretion to act in the public interest, such a stipulation being contrary to public policy". (ibid. pag. 299). Infatti, t-tendenza moderna hija l tikkonferixxi lill-awtoritajiet pubbliċi ampi poteri diskrezjonali, "and it is well settled that where a power is so drawn as to confer an absolute discretion on the authority (vide Att XXXVII tal-1948 ġa fuq ċitat) to which it is entrusted the Courts cannot interfere with its exercise' (op. cit. Ridges paġ. 284; Riversedge vs. Anderson (1942) A.C. 206; Dud

field vs. Ministry of Works, High Court of Justice, Q.B. Div. — riportata fit-Times ta' Londra tas-17 ta' Diċembru, 1963).

Li, inoltri, għandu jiġi rilevat li n-nomina ta' funzjonarju pubbliku hija att majestatika u eżerċitat mill-Kuruna "Jure Imperii, u kwindi hija ta' anologa natura r-rimunerazzjoni ta' l-impjegat li tiddependi minn dik in-nomina. Għalhekk anki taħt dana l-aspett l-att tal-Kuruna, u b'mod speċjali d-dikjarazzjoni ta' policy tal-Gvern, mhijiex sindakabbli mit-Tribunali jekk ma jiġix pruvat, li mhux il-każ, li sar mingħajr awtorità jew il-forma preskritta (Kollez. XXVI, i, 164, XXIX, ii, 1085; Vol XL, ii, 721).

Li, studjużi tal-liġi amministrattiva, reċentement fuq l-iskorta tal-prinċipji fuq enunċjati, waslu għall-konklużjoni li ma tidhirx inaċċettabbli t-teorija li: "The Civil Service, though it has grown into an enormous industry, still retains a kind of legal extraterritoriality in its internal affairs...... like all regulations of the service these are its own domestic arrangements rather than matters of interest to lawyers...... At present it still seems true to say that the Court prefer not to develop any "law of Crown service" but to let it rest on administrative practice" (Wade: Administrative Law, pag. 19, 20, 237; Spawn: "Public Adiministration in Australia", 1960, pag. 359-360: Anson, ġa fuq ċitat, Vol II, part I, 4th Edit. p. 241).

Ikkunsidrat:

Li mill-istess kontest ta' l-oppożizzjoni tal-Gvern li l-kwistjoni ta' l-Istaff Side tiġi mressqa quddiem l-Arbitration Tribunal, jemerġi l-fatt li l-Gvern qiegħed jeżerċita dina d-diskrezzjoni minħabba l-allegati motivi ta' importanza nazzjonali li attwalment jistgħu jkollhom effett sfavorevoli fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tal-pajjiż (Dok: 2.

fol: 11), Però, dana ma jfissirx li aktar tard, meta s-sitwazzjoni ekonomika lokali tkun stabilizzat ruħha, u jibqgħu jissusistu l-elementi għal biex il-pretensjoni ta' l-atturi tiġi eżaminata u okkorrendo, eżawdita, li l-Gvern jirrivedi dana l-atteġġjament tiegħu, apparentement riġidu, u mingħajr preġudizzju tal-prinċipju ġa minnu sostnut, isib soluzzjoni paċifika ta' dina l-vertenza inkrexjusa u kruċjali. Il-Ministru, infatti, huwa awtorizzat li jipposponi kwalunkwe talba għall-arbitraġġ "jekk fil-fehma tiegħu, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, ma jkunx meħtieġ jew xieraq li l-kwistjoni tinġieb quddiem it-Tribunal iktar tard" (Att XXXVIII tal-1948 fuq imsemmi, art. 11(2) ).

Ikkunsidrat:

Li fl-aħħarnett, huwa doverus li dina l-Qorti tagħmel menzjoni tas-sentenza elaborata mogħtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Jannar, 1965, fil-kawża "Robert Butler vs. Anthony Camilleri, noe". F'dina l-kawża ġie ritenut li l-istat tad-duttrina ġuridika u tal-ġurisprudenza ngliża dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Kuruna u l-impjegat ċivili huwa nkostanti u konfus, fis-sens li hemm diversi pronunzjamenti ta' awtoritajiet ġudizzjarji u amministrativi li qegħdin jinvokaw xi rimedju biex l-impjegat pubbliku jkun jista' jitlob quddiem il-Qrati id-drittijiet tiegħu b'mod speċjali rigward salarji lilu spettanti u liċenzjament inġust.

Li, l-On. Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza, mingħajr ma daħlet fil-kwistjoni jekk l-attur Butler kienx jew le impjegat ċivili fis-sens tal-Colonial Regulations ġa fuq ċitati, affermat il-prinċipju li speċjalment fil-każ ta' retribuzzjoni ta' salarju dovut lill-impjegat ċivili għas-servizz minnu prestat, il-Qorti ordinarja hija kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' dina l-lanjanza jekk tiġi adita mill-istess impjegat għal dana l-fini.

Li, però, fil-kawża odjerna, il-prinċipji espressi mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq riferita, ma jidhirx li jistgħu aġevolment isibu l-applikazzjoni tagħhom; għaliex l-atturi mhumiex qegħdin jibbażaw it-talba għal biex jiġu ammessi qudiem il-Qorti Arbitrali fuq kwistjoni ta' kreditu għas-salarju jew ritenzjoni inġusta tas-salarju tagħhom da parti tal-konvenuti nomine, iżda l-pretensjoni tagħhom hija impernjata fuq motivi ta' "new pay and grading structure", li, kif ġa ngħad, huma insidakabbli minn dawna l-Qrati, billi materja simili hija riservata lill-Gvern, li, fl-eserċizzju diskrezzjonali tiegħu, jista' jiddisponi minnha skond iċ-ċirkostanzi, u skond kif tawtorizzah il-prerogativa unilaterali li s'issa almenu, dejjem imperat għan-notori motivi ta' ordni pubbliku u ta' pratika kostituzzjonali fir-relazzjonijiet bejn il-Kuruna u l-impjegati tagħha.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti nomine, u tiddikjara ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża minħabba difett ta' ġurisdizzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu a karigu ta' l-atturi nomine.